**<u>Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 144 tal-5 ta' Mejju 2014</u>**

Fis-seduta tas-16 ta' April 2014, li kienet l-aħħar seduta qabel ma l-Parlament aġġorna għall-btajjel tal-Għid, l-Onor. Mario de Marco talab lis-Sedja biex tagħti *ruling* f'dan il-kuntest:

> "Sur President, ma naqbilx mal-*Whip,* l-Onor. Carmelo Abela li hawnhekk nirregolaw biss dak li jingħad *on mike* u mhux dak li jingħad *off mike*. Hawnhekk qegħdin fil-Kamra u d-dekor li għandna nġibu lejn kulħadd u lejn xulxin japplika kemm jekk qegħdin *on mike* kif ukoll jekk m'aħniex qegħdin *on mike*. Bir-rispett kollu, dak li allega l-Ministru Anton Refalo għandu jissostanzjah kemm jekk qalu meta kien *on mike* kif ukoll jekk qalu meta ma kienx *on mike*. Jiġifieri nitolbu *ruling* f'dan ir-rigward.".

Il-kwestjoni nqalgħet meta fil-ħin tal-Mistoqsijiet, waqt li l-Onor. Anton Refalo kien qed jirrispondi domanda supplimentari tal-Onor. Carmelo Abela, qal hekk:

> "Taf min ma jgħidx il-verità, Sur President? Min imur jiġri jieħu ġurament, jieħu affidavit u jgħid li l-Onor. Justyne Caruna qalet mod meta ma jkunx veru. Smajniehom dawn fil-Parlament! U l-istess il-każ tiegħi. Min jagħmel dawn l-affarijiet qiegħed f'din il-Kamra.".

Hawnhekk l-Onor. Chris Said qajjem *point of order* u qal hekk:

> "Il-Ministru qed jagħmel allegazzjonijiet serjissimi li xi ħadd ħa affidavit u ma kienx hekk. Jgħidilna min kien dan ix-xi ħadd li ħa l-affidavit u meta ħa l-affidavit għax allura qed jimplika li ħa ġurament falz.".

Is-Sedja rrispondiet b'mod immedjat fuq dan il-*point of order* u talbet lill-Ministru Anton Refalo biex jispjega dan il-punt u jkompli jagħlaq it-tweġiba għaliex "dalwaqt jiskadi l-ħin". Hawnhekk il-Ministru Anton Refalo qal hekk:

> "Dak li ġara anke lill-Onor. Justyne Caruana ... Kont hawnhekk, smajtha u mhux veru qalet dak li allegaw, u kull min mar il-qorti u ħa affidavit għamel ġurament falz.".

Iktar tard l-Onor. Mario de Marco qajjem *point of order* u qal:

> "Sur President, il-Ministru qed jitkellem dwar ħmieġ u min tefa' l-ħmieġ u mhux ħmieġ. Hu stess qed jitfa' l-ħmieġ. Qed jgħid li xi ħadd għamel affidavit. Il-Ministru Anton Refalo għandu r-responsabbiltà li jekk hu qed jgħid li xi ħadd f'din il-Kamra ħa affidavit, ikollu l-kuraġġ u jgħidilna min għamel dan l-affidavit u li skont hu ħa ġurament falz.".

Hawnhekk is-Sedja rrispondiet b'mod immedjat lill-Onor. Mario de Marco fejn qaltlu hekk:

> "Il-Ministru Anton Refalo ma qalx min f'din il-Kamra ħa affidavit; qal "hawn min ħa affidavit".".

Reġa' tqajjem *point of order* mill-Onor. Chris Said fejn talab hekk:

> "Sur President, l-Onor. Anton Refalo hu u ħiereġ minn hawnhekk indirizza lil din in-naħa tal-Kamra għal darba, darbtejn, tlieta u qal "ġuramenti foloz". Jien nitlob li jittieħdu passi u jgħid min qed jieħu l-ġuramenti foloz."

Is-Sedja hawnhekk reġgħet sejħet lill-Onor. Anton Refalo biex jispjega ħalli din "ma nkabbruhiex".

Hawnhekk qam l-Onor. Carmelo Abela u qal hekk:

> "Dak li ntqal kien *off mike*. Jew jittieħdu azzjonijiet fuq kulħadd, inkella ma jittieħdu fuq ħadd, inkella nitlob li jittieħdu azzjonijiet fuq membri tal-Oppożizzjoni li *off mike* offendew lil membri ta' din in-naħa. U jekk niġi kostrett, ngħid min.".

Meta s-Sedja staqsiet:

> "Onor. Anton Refalo, inti għedt xi ħaġa fuq il-*mike* fil-konfront tal-Onor. Chris Said?",

L-Onor. Anton Refalo reġa' daħal f'postu u rrisponda hekk:

> "Sur President, se nagħmel il-pożizzjoni tiegħi ċara. Jien għedt u nerġa' ngħid li kif ġara fil-konfront tal-Onor. Justyne Caruana, min qal hawnhekk li Justyne vvotat mod - meta fil-fatt ma vvotatx hekk għax jien smajtha, kont ħdejha - u mar jiġri jieħu affidavit, min qal hekk ħa ġurament falz għax jiena smajtha x'qalet.".

Hawnhekk is-Sedja indirizzat lill-Onor. Chris Said u qaltlu hekk:

> "Onor. Chris Said, inti qed tagħmel din id-domanda lill-Onor. Anton Refalo imma hu ma semma l-ebda ismijiet. Inti qed tagħmel din id-domanda u m'għandekx għalfejn, ladarba ma semmiex ismijiet.".

Kien hawnhekk li l-Onor. Mario de Marco talab *ruling*. Irid jingħad li sostanzjalment ir-*ruling* mitlub jinqasam fi tnejn. L-ewwel nett is-Sedja qed tintalab tieħu in konsiderazzjoni dak li seta' ntqal *off mike* sabiex tasal għar-*ruling* tagħha. It-tieni nett is-Sedja trid tiddeċiedi jekk dak li qal il-Ministru Anton Refalo għandux jissostanzjah kemm jekk qalu meta kien *on mike* kif ukoll jekk ma kienx *on mike*.

Nibda mill-aħħar parti. Il-Ministru Anton Refalo kien qed jirrispondi domanda supplimentari tal-Onor. Carmelo Abela *in vista* ta' dak li kien ġie ddikjarat dwar il-każ irrapportat f'ġurnal lokali, fejn kien ġie allegat li l-Ministru Anton Refalo sejjaħ lura l-vapur ta' Għawdex, liema storja ġiet spjegata b'mod ċar mill-istess Ministru Refalo, fejn qal li l-verità ħarġet li hu assolutament ma kellu x'jaqsam xejn mal-vapur li rritorna lura u li hu ma sejjaħlux biex jirritorna lura. Kien meta l-Ministru beda jagħmel referenza għal dak li ġie allegat fuqu li rrefera wkoll għal dak li kien ġie allegat fil-konfront tal-Onor. Justyne Caruana wara l-inċident li kien inqala' fil-Parlament dwar jekk ivvotatx favur jew le f'mozzjoni li kienet qiegħda tiġi deċiża dakinhar fil-Kamra tad-Deputati. Il-Ministru Refalo hawnhekk għamel

referenza għal min seta' ħa affidavit fil-konfront tal-Onor. Justyne Caruana. Fl-opinjoni tiegħu min ħa l-affidavit kien qed jixhed falz jew kien qed jiddikjara fatti li ma kenux veritieri. Fid-diversi interventi li għamel il-Ministru Anton Refalo m'għamel l-ebda referenza għal min kien qed jgħid; sempliċement qal li min ħa ġurament falz huwa jew kien Membru ta' din il-Kamra, imma m'għamel l-ebda identifikazzjoni ta' Membru. Meta effettivament ġie mitlub biex jagħmel dan mis-Sedja, reġa' tenna li hu qed jgħid li min għamel dan l-affidavit fl-opinjoni tiegħu ħa ġurament falz. Għaldaqstant mhumiex jiġu identifikati l-persuna jew persuni kontra min qed issir l-allegazzjoni mill-Ministru Anton Refalo li għamilha ċara li kien qed jitkellem b'mod ġenerali għal kull min ħa l-affidavit.

Sabiex is-Sedja tasal għal dak li ntalab mill-Onor. Mario de Marco, jiġifieri biex tara jekk hemmx il-ħtieġa li l-Ministru Refalo jissostanzja dak li qal, is-Sedja tagħmel referenza prinċipalment għal dak li hemm f'artiklu 11, subinċiż (4), paragrafu (b) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, u nikkwota:

> "kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom".

Il-liġi hawnhekk tagħmilha ċara li biex dak li jkun qal Membru, f'dan il-każ allura dak li qal l-Onor. Anton Refalo, jitqies bħala insult, irid ikun insult li jkun indirizzat lejn persuna identifikabbli bħala Membru ta' din il-Kamra. Fil-fatt il-liġi tgħid "lil wieħed mill-Membri tal-Kamra", jiġifieri l-persuna trid tiġi identifikata. Dan joħroġ ukoll ċar minn artiklu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn jingħad li l-inġurja trid tkun indirizzata lejn persuna identifikabbli, u nikkwota:

> "Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' <u>xi ħadd</u>[1], iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.".

Fil-każ li għandna quddiemna, l-Onor. Chris Said qal li huwa sema' lill-Onor. Anton Refalo jgħid id-diskors "ġuramenti foloz" *off mike,* filwaqt li jindirizza lin-naħa tal-Kamra fejn hemm l-Oppożizzjoni u fejn kien hemm numru sostanzjali ta' Membri preżenti. L-i*statement* li, skont l-Onor. Chris Said, għamel l-Onor. Anton Refalo, *as such ut sic* ma jikkwalifikax bħala insult lil xi persuna partikolari identifikabbli minn dawk preżenti. Meta l-Onor. Anton Refalo ġie msejjaħ mis-Sedja biex jispjega dak li qal meta semma "ġuramenti foloz" - u hawnhekk irid jingħad li għalkemm id-diskors sar *off mike* is-Sedja qed tieħdu in konsiderazzjoni għall-fini ta' dan ir-*ruling* - fl-ispjegazzjoni tiegħu l-Onor. Anton Refalo reġa' qal hekk:

[1] Sottolinjat għall-enfasi

> "Sur President, se nagħmel il-pożizzjoni tiegħi ċara.  Jien għedt u nerġa' ngħid li kif ġara fil-konfront tal-Onor. Justyne Caruana, min qal hawnhekk li Justyne ivvotat mod - meta fil-fatt ma vvotatx hekk għax jien smajtha, kont ħdejha - u mar jiġri jieħu affidavit, min qal hekk ħa ġurament falz għax jiena smajtha x'qalet.".

Is-Sedja tqis li b'din l-ispjegazzjoni dak li ntqal mill-istess Ministru Anton Refalo ċertament ma jikkwalifikax bħala insult jew nuqqas ta' qima lil xi persuna, la persuna li kienet qed tippresjedi u lanqas persuna li hija  identifikabbli f'din il-Kamra.

Kif diġà ntqal, l-Onor. Mario de Marco talab li s-Sedja fir-*ruling* tagħha tieħu in konsiderazzjoni dak li ntqal *off mike*.  Għalkemm mit-traskrizzjoni ta' dak kollu li ntqal ma nstemax il-kliem li l-Onor. Chris Said qal li sema' lill-Ministru Refalo jgħid *off mike*, jiġifieri l-kliem "ġuramenti foloz", kif diġà ntqal aktar qabel f'dan ir-*ruling*, is-Sedja xorta ħadet dan in konsiderazzjoni u ladarba ħaditu in konsiderazzjoni qed jitqies li dan il-kliem seta' ntqal. Madankollu mill-ispjegazzjoni li ta immedjatament wara l-Onor. Anton Refalo joħroġ ċar li dan il-kliem ċertament ma jaqax taħt l-interpretazzjoni ta' insult jew nuqqas ta' qima lil xi persuna identifikabbli f'din il-Kamra.

Is-Sedja ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, partikolarment Ordnijiet Permanenti 36 u 60, biex tkun tista' tasal għal din id-deċiżjoni tagħha.  Nikkwota minn Ordni Permanenti 60 li jgħid hekk:

> "Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha.  Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.".

Dak li ntqal mill-Ministru Anton Refalo ma kien qed jiġi attribwit lil ebda membru identifikabbli f'din il-Kamra, għaliex kien qed jikkummenta b'mod ġenerali fuq dak li hu ħass li sar minn min ħa affidavit fuq kif interpreta l-vot tal-Onor. Justyne Caruana fl-inċident partikolari li seħħ fil-leġislatura li għaddiet, u ried juri li fl-opinjoni tiegħu min ħa dak l-affidavit ħa ġurament falz.  Il-Ministru fl-ebda ħin ma għamel referenza għal min hu dak il-membru li ħa affidavit.  Jekk ittieħdu aktar minn affidavit wieħed ċertament li s-Sedja qatt ma tista' tkun f'pożizzjoni li tidentifika min setgħet kienet il-persuna li l-Ministru Anton Refalo seta' kellu l-intenzjoni li jirreferi għaliha.

Għalhekk id-deċiżjoni tas-Sedja hija li dak li ntqal mill-Ministru Anton Refalo ma jikkostitwixxix ksur ta' privileġġ għax ma jikkwalifikax bħala ksur tal-artiklu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, u lanqas imur kontra dak li hemm fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, partikolarment Ordni Permanenti 60.